MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 883/2006

**John Azzopardi u b’digriet tad-19 ta’ Jannar, 2007 it-Tribunal ordna li jizdiedu l-kliem u martu Isabelle Azzopardi**

**vs**

**C & C Express Limited (C 32212)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu is-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ tlett mija, disgha u tletin Ewro u tlieta u hamsin centezmi (€339.53), ekwivalenti ghal Lm145.76, rapprezentanti somma flus li s-socjeta’ konvenuta nkarigat ruha li tikkonsenja lill-terzi b‘*airway bill’* numru GP748764390 WW, izda li fil-fatt qatt ma wasslu ghand id-destinatarju kif mitlub.

Bl-ispejjez, bl-imghax u b’hekk is-socjeta’ konvenuta tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ssollevata mis-socjeta’ konvenuta fejn intqal illi preliminarjament is-socjeta’ konvenuta m’ghandha ebda rabta kontrattwali ma` l-attur u ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ghandha tigi lliberata mill-gudizzju.

Illi fil-mertu t-talba ta’ l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi:

1) L-espeditrici naqset milli tottempora ruhha ma` l-kundizzjonijiet tal-garr relattivi, ‘*inter alia’*, l-artiklu 4.2 u l-artiklu 12 ta` l-‘*airway bill’* relattiva;
2) L-ispeditrici naqset milli tinforma lis-socjeta’ konvenuta bin-nuqqasijiet allegati fiz-zmien 21 gurnata skond l-artiklu 17 ta` l-‘*airway bill’* relattiva, u ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ma jista’ jkollha ebda tort jew responsabbilita’ ghar-rigward tan-nuqqasijiet reklamati;

Illi subbordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost *kwalsiasi* responsabbilita’ li tista’ tigi determinata hija limitata *a tenur* tal-kundizzjonijiet tal-garr relattivi u l-‘*Warsaw Convention’* 1929 (kif emendata skond il-*‘Hague Protocol’* 1955) u l-‘*Montreal Convention’* 1999.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra illi b’digriet tad-19 ta’ Jannar, 2007, it-Tribunal ordna li jizdiedu l-kliem u martu Isabelle Azzopardi wara talba ghal korrezzjoni fl-avviz f’dan is-sens u li ma kienx hemm oggezzjoni minn naha tas-socjeta’ konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta’ Isabelle Azzopardi, John Azzopardi, Stephen Carabott, John Caruana.

Sema` t-trattazzjoni taz-zewg partijiet.

Ra d-dokumenti ezebiti fl-atti tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawza titratta dwar rifuzjoni ta' flus wara li allegatament ma gewx ikkonsenjati lil terzi mis-socjeta' konvenuta li kellha l-inkarigu tal-konsenja lid-destinatarju, liema talba giet ikkontestata.

Mill-provi ta` l-attrici jidher illi s-socjeta' konvenuta marret tigbor konsenja mid-dar ta` l-attrici Isabelle Azzopardi fid-9 ta' Gunju, 2005 peress illi hija kellha bzonn tibghat flus lill-Ambaxxata Polakka, f'Ruma. L-attrici tghid illi hija nfurmat lir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta li kien gie d-dar taghha, illi hija kienet ha tibghat flus kontanti u kien hu li mela l-formola tal-*courier service* TNT. L-attrici ziedet tghid illi xi gimgha wara rceviet telefonata mill-ambaxxata Polakka f'Ruma fejn infurmawha illi l-flus ma kienux wasslu u hi cemplet lir-rapprezentanti tat-TNT li kienu responsabbli ghall-konsenja. Ir-Rapprezentanti tat-TNT, li huma l-istess socjeta' konvenuta qalu kemm lilha u kemm lir-ragel taghha illi huma kienu qieghdin jinvestigaw il-kaz. Sussegwentement il-kopja Azzopardi gew infurmati illi ma kellhomx kaz ghaliex ma kienx permess illi jintbaghtu flus kontanti mat-TNT u ghalhekk ma kienux ser jirrifondu l-konsenja konsistenti fi flus. Ir-ragel ta` l-attrici kkonferma illi huwa kien uza *'it-tracker system'* fil-website tas-socjeta' konvenuta u kien sar jaf x'kien gara mill-konsenja mill-istess *website*.Huwa kkonferma ukoll illi huwa kien ghamel il-*claim* mas-socjeta' tat-TNT fis-16 ta' Gunju, 2005, permezz il-website tat-TNT kif ukoll kien kellem lir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta dwar l-ilment li kellu. Huwa sostna lli huwa kien ghamel l-ilment tieghu fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata kif baqghu jinsistu is-socjeta' konvenuta.

Mix-xhieda ta' Stephen Carabott prodott mis-socjeta' konvenuta qal illi bhala l-'*commercial manager'* ta' l-istess socjeta' konvenuta huwa kien f'pozizzjoni jikkonferma illi d-'*driver*' taghhom kien gabar il-konsenja minghand l-attrici izda ma kienx iddikjara x'kienet il-konsenja u li dan kien nuqqas da parti mid-'*driver'*. Qal ukoll illi kien biss sena wara illi l-konsenja kienet allegatament ma waslitx illi l-attur infurmahom li l-konsenja ma kienetx waslet u x-

xhud kien infurma lill-attur bil-miktub illi l-'*claim'* tieghu ma setghetx tkun ipprocessata peress illi kienu skadew il-wiehed u ghoxrin gurnata stipulati fil-kundizzjonijiet tas-socjeta' taghhom.

F'konfront bejn l-attrici u John Caruana, id-'*driver'* li kien mar jigbor il-konsenja l-verzjonijiet taz-zewg partijiet huma konfliggenti. Fil-waqt illi l-attrici tghid illi hija kienet uriet il-flus lil John Caruana huwa qal illi qatt ma kien gabar flus minn ghand l-attrici. Fix-xhieda precedenti tieghu Caruana kien qal illi huwa kien gabar dokumenti konsistenti f'passaporti izda ma qalx ghal fejn halla li l-kaxxa fejn kellha tigi deskritta n-natura tal-konsenja baqghet vojta, b'hekk ma gie dikjarat xejn.

Mill-provi jidher illi l-artiklu 10 tal-formola tat-TNT ma mteliex fejn kellu jigi deskritt x'kienet il-konsenja. Fil-fehma tat-Tribunal dan in-nuqqas jimpingi fuq is-socjeta' konvenuta ghaliex huwa d-dmir u obbligu taghha illi jkunu jafu xi jkunu qieghdin jikkonsenjaw lil terzi. Dan in-nuqqas da parti mid-'*driver'* kien irrimarkat ukoll mix-xhud Stephen Carabott tas-socjeta' konvenuta stess.

Fil-fehma tat-Tribunal il-vertenza ta' din il-kawza hija li l-konsenja mibghuta mas-socjeta' konvenuta ma wasslitx. Is-socjeta' konvenuta xehtet ir-responsabbilita' ghan-nuqqasijiet tad-'*driver'* fuq il-klijent. It-Tribunal huwa konvint illi n-nuqqas aktar gravi kien da parti mis-socjeta' konvenuta li halliet konsenja titlaq minn Malta minghajr deskrizzjoni. Dan in-nuqqas ikkontribwixxa sabiex iwassal lit-Tribunal ghal konkluzzjoni illi s-socjeta' konvenuta spediet il-konsenja b'mod traskurat u bi ksur tar-regolamenti internazzjonali dwar is-sigurta'.

It-Tribunal irrileva illi huwa fatt kkonstatat illi kien hemm talba u hlas ghal konsenja mas-socjeta' konvenuta. Huwa fatt ukoll illi l-uniku rcevuta li kellha l-attrici kienet tal-hlas ghal konsenja u ma kelliex rcevuta ohra li tindika li kkonsenjat il-flus. Fi kwalunkwe' kaz l-ircevuta taghha kienet id-deskrizzjoni fl-'*air way bill'.* Haga li ma saritx. L–*'air way bill'* li ngabet bhala prova ma kelliex id-deskrizzjoni tal-konsenja. *Multo magis*, is-socjeta'

konvenuta bhala l-konsenjatarja ma kienetx f'pozizzjoni tindika x'kienet qed iggorr ghal klijent u halliet li ssir spedizzjoni ta' pakkett bi ksur tar-regolamenti taghha stess.

Illi ghalkemm l-attur kien kiteb lis-socjeta' konvenuta sena wara l-akkadut, huwa fl-istess ittra kien informaha fis-16 ta' Gunju, 2005 *'we logged the official claim to which you promised to investigate'.*

Fil-fehma tat-Tribunal kien biss wara l-ittra tal-1 ta' Gunju, 2006 illi nqalghu l-problemi. Is-socjeta konvenuta qalet illi kienet ma` dik l-ittra li saru jafu li l-konsenja kienet tikkonsisti fi flus kontanti u li din kienet haga pprojbita peress illi ma kienx permess li jintbaghatu flus skond ir-regolamenti tat-'*TNT courier service'.* Fl-ittra tas-socjeta' konvenuta datata 14 ta' Gunju, 2006, il-'*Commercial Manager'* jghid illi r-responsabbilita' hija ta' min qed jibghat il-konsenja illi ghandu jaghti l-informazzjoni korretta. Izda t-Tribunal irrileva illi l-attrici ma kienetx nizlet xejn fid-deskrizzjoni ta` l-oggetti li kellhom ikunu kkonsenjati u hadd minn naha tas-socjeta' konvenuta ma kien irrimarkalha illi dik il-kaxxa kellha timtela.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi sabiex jasal ghal konkluzzjoni gusta u ekwa tal-vertenza tal-kawza ghandu jiehu in konsiderazzjoni l-kredibilita' tax-xhieda u fil-fehma tat-Tribunal ihoss illi l-verzjoni ta` l-attrici hija dik l-aktar verosimili.

Illi t-Tribunal ssib illi l-atturi kienu nfurmaw lis-socjeta' konvenuta bl-ilment xi gimgha wara li saru jafu li l-konsenja ma kienetx wasslet lid-destinatarji u jekk kemm-il darba s-socjeta' konvenuta ma kienetx soddisfatta bil-procedura ta' kif kienu ghamlu l-'*claim'* taghhom kontra s-socjeta' konvenuta, kellu ikun l-obbligu tas-socjeta' konvenuta li tiggwida lill-klijenti taghha korrettament kif kellha ukoll id-dmir u l-obbligu l-istess socjeta' konvenuta, illi tiggwida lill-klijenti taghha meta gew biex jimlew u jiffirmaw il-formola u jibghatu l-konsenja. Huwa facli li tinheba wara zball tal-klijent meta l-istess implikazzjonijiet tal-'*fine print'* ma jigux spjegati lill-klijent jekk kien sar

nuqqas da parti taghhom u ma tnizzilx in-natura tal-konsenja. Izda din il-prassi minn naha tas-socjeta' konvenuta m'hijiex accettabbli.

Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa konvint illi l-atturi kienu ghamlu l-ilment taghhom mas-socjeta' konvenuta u li l-attur kien ghamel *'claim'* mas-socjeta' konvenuta u li kien sar fiz-zmien moghti mill-istess socjeta' konvenuta. Illi t-Tribunal jemmen lill-attrici meta hija ddikjarat lit-Tribunal illi kienet baghatet flus mas-socjeta' konvenuta, in-nuqqas illi ma tnizzilx il-kontenut tal-pakkett kien nuqqas da parti mis-socjeta' konvenuta li halliet konsenja titlaq minn Malta minghajr ebda dikjarazzjoni ta' x'kien qieghed jigi spedit.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici fis-somma ta' hlas ta' tlett mija, disgha u tletin Ewro u tlieta u hamsin centezmi (€339.53), ekwivalenti ghal Lm145.76, bl-imghax mid-data tas-sentenza sa l-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------